**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**

**Gurisdizzjoni Superjuri**

**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 27 ta' Gunju 2017**

**Rikors Guramentat Numru:- 8/2016JVC**

**Donald Cassar**

**Vs**

**Charles Zahra**

Il-Qorti;

Rat ir-Rikors Guramentat tal-attur li ppremetta:

Illi fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu elfejn u tlettax (2013) ghall-habta tal-erbgha neqsin ghoxrin ta' wara nofsinhar (3.40pm) waqt li l-attur kien ghaddej fi Triq Qasam San Gorg, Rabat, Ghawdex qed isuq il-mutur tal-ghamla Honda bin-numru ta' registrazzjoni GAU692 huwa kien involut f'habta mat-trakk tal-ghamla ERF li kien misjuq minn Charles Zahra bin-numru ta' registrazzjoni IBC134 proprjeta' ta' Joseph Mercieca. Dana meta habta u sabta l-konvenut li ftit qabel kien qieghed fil-genb tat-triq ibattal xi oggetti fit-trakk ghamel manuvra azzardata u perikoluza billi saq it-trakk fl-istess karreggjata tal-attur minghajr ma ha l-prekawzjonijiet kollha mehtiega qabel saq, bil-konsegwenza li rrenda l-habta tal-mutur mal-vettura misjuqa mill-konvenut wahda nevitabli;

Illi l-attur wegga' gravament minhabba dan l-impatt tieghu u sal-lum ghadu jsofri l-konsegwenzi ta' dan l-incident;

Illi dan l-incident gara unikament minhabba traskuragni grassa, negligenza u b'imperizja u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Charles Zahra fis-sewqan tieghu;

Illi minhabba dan l-incident ir-rikorrent sofra danni ngenti konsistenti sew f'danni materjali fuq il-mutur u kif ukoll telf ta' qliegh futur minhabba debilita' fizika permanenti f'siequ x-xellugija;

Illi l-konvenut minkejja li gie nterpellat diversi drabi sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mir-rikorrent huwa baqa' inadempjenti;

Talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-incident oggett ta' dan ir-rikors guramentat gara unikament tort u htija tal-konvenut u dana kagun ta' sewqan negligenti, traskurat, b'imperizja u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;

2. Tillikwida d-danni kollha konsegwentement sofferti mill-attur, liema danni huma kemm dawk emergenti kif ukoll *lucrum cessans*;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-tnejn (2) ta' Jannar 2014 (ittra nru: 1/2014), tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju 2015 (ittra nru: 372/2015) u dik ipprezentata kontestwalment ma' din il-kawza, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsab imharrek.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-konvenut illi eccepixxa:

1. Illi huwa jaqbel mal-kontenut tal-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat tar-rikorrenti, pero' dan biss ghal dak illi jirrigwarda l-fatt illi gara l-incident meritu ta' din il-kawza, u mhux ukoll ghal dak illi jirrigwarda l-htija jew responsabbilita' ghal dak l-incident;

2. Illi l-esponenti ma jaqbilx mal-kontenut tat-tieni u t-tielet paragrafu tar-rikors guramentat tar-rikorrenti izda jemmen, ghall-kuntrarju tar-rikorrenti, illi l-incident gara minhabba sewqan traskurat u eccessiv da parti tal-istess rikorrenti, illi fil-mument illi gara l-incident wettaq manuvra minnha nnifisha azzardata u riskjuza f'triq li l-kondizzjoni taghha ma kienitx wahda tajba billi mar jissorpassa vettura tal-esponenti u baqa' diehel gewwa l-istess vettura misjuqa mill-esponenti.

3. Illi l-esponenti jaqbel mal-fatt illi r-rikorrenti wegga' gravament, u sofra danni materjali ohra ben intiz illi r-responsabbilita' ghal dawn il-feriti u danni ghandha tigi akkollata lir-rikorrenti u lil hadd aktar.

4. Illi kien ghal dawn ir-ragunijiet illi l-esponenti, u l-kumpanija assikuratrici tieghu rrifjutaw illi jaghmlu tajjeb ghal dawn id-danni;

5. Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza qeghdha tigi kontestata; u t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti.

6. Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat l-affidavits, xhieda, dokumenti, cd's u provi kollha prezentati fl-atti;

Rat ir-rapport tal-espert mediku mqabbad mill-Qorti Mr. Joseph Briffa;

Rat illi fil-verbal tal-4 ta' April, 2017 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom mill-Qorti;

Wettqet access fuq il-post tal-incident nhar l-4 ta' April, 2017;

Rat is-sottomissjonjiet tal-partijiet fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza titratta incident awtomobilistiku li sehh nhar it-23 ta' Marzu, 2013 fi Triq Qasam San Gorg, Rabat, Ghawdex ghall-habta tal-erbgha nieqes ghoxrin (3.40p.m.) ta' wara nofsinhar bejn l-attur Donald Cassar li kie qed isuq mutur bin-numru GAU 692 u scammel imdaqqas misjuq mill-konvenut Charles Zahra li jgib in-numru IBC 134. Din il-Qorti kellha l-possibilita' li taccedi fuq is-sit tal-incident u tivverifika b'ghajnejha l-lok tal-incident. Ir-ritratti mill-ajru esebiti a fol. 162 u 163 tal-process jevidenzjaw ukoll xi tibdiliet li saru fit-triq f'parti mit-triq li tinsab qabel fejn sehh l-incident u dan billi fejn kien hemm liwja dak in-nhar tal-incident din twessghet sabiex giet eliminata parti mil-liwja fuq in-naha tal-lemin meta thares lejn it-triq minfejn sehh l-incident. Il-Qorti hadet ukoll nota ta' dan meta sar l-access fuq is-sit.

Illi f'dan il-kaz partikolari jirrizulta li l-incident inqabad b'filmat tas-CCTV Camera li gie esebit fl-atti mill-Ispettur Frank Tabone permezz ta' cd a fol. 73 kif ukoll kopja taghha giet esebita mill-konvenut stess mmarkata bhala dok CG 1. Din il-Qorti rat ghal diversi drabi l-filmat fuq din l-istess CD. Jirrizulta ghalhekk li ghalkemm il-versjonijiet tal-partijiet f'dan il-kaz ghandhom jinghataw l-importanza li jisthoqqilhom, dawn l-istess versjonijiet ftit li xejn jistghu jmeru dak li jidher b'mod car fil-filmat tal-incident.

**Responsabbilta':**

Illi jirrizulta lil din il-Qorti li l-uniku versjonijiet tal-incident huma dawk tal-attur u tal-konvenut. Mill-atti jidher li *a tempo vergine* l-attur Donald Cassar ma ttehditx versjoni tieghu tal-incident stante li huwa ttiehed l-isptar minnufih minhabba l-griehi gravi li huwa sofra f'saqajh kif konfermat kemm mir-rapport ex-parte a fol. 12 *et seq* redatt minn Mr. F. X. Darmanin u li jaghti persentagg ta' 20% kif ukoll mill-espert mediku nominat minn din il-Qorti Mr. Joseph Briffa li jaghti persentagg ta' dizabilita' permanenti ta' 15%. Mill-atti wkoll jirrizulta li t-talba ghan-nomina ta' esperti medici addizzjonali giet rinunzjata mill-konvenut permezz ta' nota a fol 102 tal-process. Ghalhekk l-uniku versjoni tal-attur hija dik moghtija fl-atti permezz tal-affidavit tieghu a fol. 25 *et seq* tal-process u l-kontro-ezami li sar a fol. 116 et seq. Skont l-affidavit tal-attur l-incident sehh kif isegwi:

'Fid-data li ghadni kif indikajt jiena rajt trakk taz-zibel ipparkjat fil-genb tat-triq. X'hin wasalt fejn dan it-trakk, is-sewwieq tieghu hareg bis-sahha fil-lane tieghi direzzjoni Rabat minghajr ma kkalkula x'inhu gej min- naha ta' Kercem b'tali mod li lili hasadni u hbatt go fih fuq in-naha tax-xufier precizament quddiem ir-roti ta' wara. Ma kienx hemm izjed fejn immur ghaliex lili ma tanix cans sabiex nirreagixxi peress li dan qabad u saq f'habta u sabta. Tant li x-xufier ma kienx jaf x'qed jaghmel, li lanqas biss ma nduna b'li kien gara u ma waqafx mill-ewwel tal-kollizzjoni. Lili ramieni mal-hajt u huwa saq xi ftit metri ohra 'l quddiem. Dak il-hin bejn il-hasda kbira li kont hadt u x-xokk, naf li jiena qomt mill-art u mxejt zewg passi fuq sieq wahda u waqajt ma' l-art.' (fol. 25)

Fil-kontro-ezami tieghu a fol. 116 *et seq* tal-process l-attur jinsisti li huwa kien ghaddej isuq b'velocita' ta' madwar 45 kilomteri fis-siegha u li hemm vizwali sew minfejn kien gej ghal fejn kien hemm it-trakk ipparkjat anki qabel ma giet imwessa' t-triq wara l-incident tant li skont hu kien ilu li qabez il-liwja mill-anqas bi hmistax-il metru qabel ma sehh l-incident. Jinsisti li t-trakk kien ipparkjat fuq ix-xellug tat-triq minfejn kien gej hu u kif wasal qrib tieghu dan hariglu f'daqqa u ma seta' jaghmel xejn biex jevita l-

incident. Jerga' jikkonferma li t-trakk kien qieghed ipparkjat go parkegg li jintuza ghall-iskips u li kien ipparkjat 'il gewwa mis-sigar u cioe' mhux fit-triq. Meta l-attur waqt il-kontro-ezami gie rinfaccjat bil-kontenut tal-filmat tal-incident jibqa' jinsisti fuq il-versjoni tieghu u li l-konvenut kien ipparkjat fil-parkegg u mhux fit-triq qabel hariglu, li mhux minnu li kien qed isuq 'wrong way' u li mhux minnu li kien ghaddej b'xi *speed* esagerat. Jikkonferma kif fuq kollox jidher mill-filmat li huwa habat mal-genb tat-trakk fuq in-naha tax-xufier wara r-roti ta' quddiem u qabel ir-roti ta' wara.

Illi da parti tieghu l-konvenut ta l-versjoni tieghu dwar kif sehh l-incident dak in-nhar stess tal-incident fuq il-post kif isegwi:

'Kont gej minn Santa Lucia hiereg lejn ir-Rabat, u kien hawn karozza ipparkjata, harist fil-mera u nara mutur jitgerbeb warajja'. (fol. 68)

Mill-atti jirrizulta li l-konvenut rega' ta l-versjoni tieghu permezz ta' affidavit pjuttost dettaljat li jinsab esebit a fol. 107 *et seq* tal-process. Skont dan l-istess affidavit tal-konvenut l-incident sehh kif isegwi:

' . . kont qieghed fi Triq Qasam San Gorg ipparkjat fil-genb tat-triq gewwa l-vettura bin-number plate IBC-134 tal-marka ERF. Dan l-iscammel li kont qieghed insuq jien huwa l-akbar wiehed f'Ghawdex. Jien kont ghadni kemm battalt l-iskip li kien jinsab gewwa din it-triq ghal gewwa t-truck.

Nispjega li din it-triq dakinhar tal-incident kien fiha biss karreggjata wahda ghaliex in-nofs tat-triq l-iehor huma mharbat. Jien kont ipparkjat wara trailer vojt u ridt nohrog mill-parking li jien kont fih. Kien ghalhekk li xeghel l-indicator u harist lejn iz-zewg nahat tat-triq biex nara jekk kienx gej traffiku. L-ewwel harist faccata u rajt li kienet gejja vettura u harist lura u rajt li ma kien gej hadd. Peress li kienet gejja vettura minn faccata jien bqajt wieqaf u stennejt din il-vettura tghaddi. X'hin din il-vettura kienet ghaddiet, rajt li ma kienx hemm vetturi ohra gejjin wara din l-istess vettura, ergajt harist warajja kemm bl-uzu tal-mera tan-naha tieghi u kemm billi hrigt rasi mit-tieqa

sabiex nikkonferma li ma kien gej hadd minn warajja u x'hin rajt li ma kien gej hadd la minn quddiemi u lanqas minn warajja hrigt mill-karregjata tieghi u bdejt insuq.

Hekk kif kont diga' soqt diversi metri smajt hoss fuq in-naha ta' wara tal-vettura li kont qed insuq jiena. Dak il-hin harist gol-mera tieghi u rajt li habat mutur gewwa l-vettura tieghi. Dan kien l-ewwel darba li jiena rajt il-mutur.'

Nonostante li fl-affidavit il-konvenut jaghti bosta dettalji dwar kif sehh l-incident skont hu, fil-kontro-ezami li sarlu mil-legali tal-attur a fol. 128 *et seq* tal-process il-konvenut tista' tghid li jibda jithawwad fi kliemu stess u meta rinfaccjat bil-kontenut tal-filmat jibda jghid ghal aktar minn darba li ghadda hafna zmien u ma jiftakarx u li jista' jkun. Fil-kontro-ezami tieghu l-konvenut lanqas jiftakar dak li sostna hu stess fl-affidavit tieghu. Dan xejn ma jimmilita favur il-kredibilita' tieghu ghall-versjoni moghtija minnu dwar kif sehh l-incident anki wara li lill-pulizija huwa kien tahom versjoni kompletament diversa minn dik li huwa jaghti fl-affidavit.

Illi fl-istess kontro-ezami tal-konvenut din il-Qorti in vista tal-inkonsistenza kbira li kienet qed tigi riskontrata biha waqt il-kontro-ezami ghamlet domandi kif isegwi u r-risposti tal-konvenut komplew jikkontradixxu l-istess affidavit tal-konvenut:

**'Qorti:**
Int harist 'il quddiem u lura –
**Konvenut:**
Harist iva,
**Qorti:**
Imma qabel bdejt hiereg jew waqt li hiereg?
**Konvenut:**
Qabel bdejt hiereg harist 'il quddiem u lura fi zgur, ghax rajt il-karozza.'
**Qorti:**
Issa, il-mument li bdejt miexi, f'xi mument waqaft? Jew imbaghad bqajt hiereg?
**Konvenut:**

M'inix cert, insejt, Sur Magistrat. Ilu li gara hafna. Jiena ezatt ezatt ezatt insejt u kont hadt xokk kbir dakinhar.

**Il-Qorti:**

Ara fil-video int tidher ha tirkeb fil-vann ghax tidher saqajk, orrajt, imbaghad il-vann jibqa jaqla', ma jieqafx, jibqa' hiereg fit-triq. F'liema mument harist?

**Konvenut:**

Qabel ma hrigt harist fi zgur.

**Qorti:**

Jigifieri kont ghadek wieqaf.

**Konvenut:**

Jista' jkun, iva. U x'hin kont ghadni wieqaf harist zgur. Ghax stennejt il-vettura biex tohrog.

**Qorti:**

Jekk ergajtx harist inti u hiereg, ma tafx.

**Konvenut:**

Illum insejt . . . .

**Qorti:**

Waqt li inti hallejt il-vann jghaddi, int kont ghadek wieqaf jew kont gia' bdejt miexi?

**Konvenut:**

Insejt illum ta. Insejt.

**Qorti:**

Jista' jkun li kont diga' bdejt miexi? Ghax peress li kellek it-trailer quddiemek, stajt tarah gej kieku ma ersaqtx naqra?

**Konvenut:**

Jista jkun li forsi hrigt ftit 'il barra halli nara ahjar, iva, imma m'inix cert mija fil-mija llum.'

A fol. 129 u 130 fil-kontro-ezami tieghu l-konvenut jammetti li minfejn kien ipparkjat huwa seta' jara kemm quddiemu kif ukoll wara, dan allura jikkontradixxi l-argument

tieghu stess li ma setax jara lill-attur gej minhabba l-konfigurazzjoni tat-triq kif kienet qabel.

Illi l-Qorti minn dak suespost innotat ghalhekk il-kontradizzjonijiet shah fix-xhieda u l-versjonijiet tal-konvenut li kif gia nghad xejn ma jghinu sabiex jissostanzjaw il-versjoni tieghu tal-fatti. Min-naha l-ohra l-versjoni tal-attur baqghet wahda konsistenti. Din il-Qorti kellha wkoll l-opportunita' li tara b'ghajneja l-incident isehh fuq il-filmat li gie prezentat fl-atti. Iz-zewg partijiet fis-sottomissjonijiet taghhom taw l-interpretazzjoni taghhom ta' x'jidher fil-filmat, sahansitra sekonda, sekonda u din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-argumenti taz-zewg partijiet. Il-Qorti izda tenunt kont ta' dawn il-konsiderazzjoniet ukoll rat personalment il-filmat in kwistjoni u nnutat illi f'temp ta' ftit sekondi l-konvenut jidher tiela' fil-trakk tieghu li appuntu kien ipparkjat wara trailer fil-parti mharbta tat-triq 'il gewwa mis-sigar li jaqsmu dik il-parti proprja tat-triq mill-parkegg fejn kien jinsab il-konvenut. Mill-filmat it-trakk tal-konvenut verament jidher li qed jistenna li tghaddi l-vettura gejja mil-lat oppost tat-triq izda fl-istess hin li fil-filmat tidher ghaddejja din il-vettura, it-trakk tal-konvenut jidher jibda miexi u jzid l-ispeed biex johrog mill-parkegg ghall-gewwa t-triq minfejn kien gej l-attur. <u>Fl-ebda hin minn x'hin beda miexi t-trakk tal-konvenut ma dan rega' waqaf izda baqa' hiereg dritt ghal got-triq u mmedjatament li kien qabad bi ftit it-triq proprja jitfaccja l-mutur tal-attur u jsehh l-incident.</u> Dan kolllu ghalhekk igib fix-xejn, jekk kien baqa' xi dubju wara l-kontro-ezami tieghu, id-dikjarazzjoni tal-konvenut li huwa rega' waqaf biex jiccekkja jekk kienux gejjin vettura minn warajh, wara li ghaddiet il-karozza gejja mil-lat oppost. Evidentement fil-hin li kienet ghaddejja l-karozza mil-lat oppost il-konvenut kien mohhu jhares lejha biex tara tghaddi fl-istess hin li kien qed izid l-ispeed biex johrog fit-triq u fl-ebda mument ma waqaf sabiex jerga' jiccekkja t-triq minn naha ta' wara tieghu. Tant il-konvenut ma regax iccekkja fuq warajh x'kien qed jigri li ma rax il-mutur gej u nduna bl-incident meta l-mutur habat mieghu u mhux qabel tant li baqa' jsuq il-quddiem qabel irrealizza x'gara u waqaf.

Illi dak kollu suespost iwassal lil din il-Qorti ghall-konkluzjonijet segwenti:

1. Illi s-sewwieq tal-mutur u cioe' l-attur kien ghaddej fi triqtu fil-karreggjata tieghu minn Kercem lejn ir-Rabat;

2. Tenut kont tal-filmat u l-ammissjoni tal-konvenut stess fil-kontro-ezami li l-filmat skont hu qieghed mghaggel, din il-Qorti ma sabet l-ebda prova fl-atti li tissostanzja l-allegazzjoni tal-konvenut li l-attur kien qieghed isuq b'xi speed esagerat;

3. Illi fic-cirkustanzi kien il-konvenut li kien qed jaghmel manuvra straordinarja billi kien ser johrog minn gewwa parkegg ghal go triq u ghalhekk kellu l-obbligu li jzomm 'proper lookout' ta' dak kollu li kien qed isehh fit-triq, kemm quddiemu kif ukoll warajh sabiex ikun cert li qabel ma jaghmel il-manuvra ma jkun qed jostakola lill-ebda vettura li kienet qed taghmel uzu normali mit-triq;

4. Illi ghalkemm il-Qorti ma teskludix li qabel ma beda jsuq il-konvenut iccekkja kemm quddiemu u kemm warajh tant li ra l-vettura gejja mil-lat oppost, il-Qorti tqis li gie ampjament pruvat lilha li fil-mument li huwa beda jaqla' mill-parkegg ghal go t-triq huwa naqas kif kien obbligat li jaghmel milli jerga' jiccekkja x'inhu gej minn warajh tant li hareg dritt ghal go t-triq u b'hekk sehh l-incident;

5. Illi l-fatt ammess mill-konvenut stess li huwa ma rax lill-attur gej tant li nduna bih biss fil-hin tal-incident jevidenzja lil din il-Qorti li l-konvenut naqas milli jiccekkja dak li gej minn warajh u jekk verament iccekkja xorta wahda naqas milli dan jaghmlu sew b'dana li xorta wahda ma zammx 'proper lookout' stante li fic-cirkostanzi, anki wara li din il-Qorti marret fuq il-post tal-incident, il-konvenut kellu jara l-mutur gej anki minhabba d-distanza ta' diversi metri li hemm bejn il-liwja u l-post fejn sehh l-incident u l-fatt li ma rahx hija responsabbilita' unika tieghu u ta' hadd aktar.

Ghaldaqstant din il-Qorti ghal dik li hija responsabbilita' tal-incident awtomobilistiku in kwistjoni tqis li dan sehh unikament tort tal-konvenut b'dana li l-ewwel talba tal-attur hija gjustifikata.

***Damnum Emergens*:**

Illi ghal dak li huwa *Damnum Emergens* l-uniku prova li tressqet fl-atti hija dik tas-surveyor Philip Attard a fol. 42 li kkonferma li l-mutur tal-attur gie dikjarat 'beyond economical repair' u nghata valur qabel l-incident ta' seba' mitt Euro (€700).

***Lucrum Cessans*:**

Illi skont is-sottomissjonijiet tal-konvenut, l-attur naqas milli jipprezenta prova ghall-kalkolu tal-lucrum cessans izda fl-istess nifs jaghmel referenza ghall-FS 3's tal-attur esebiti appuntu fl-atti u jghid li dawn ma jistghux iservu bhala prova ghajr dik tas-sena 2012 u jippretendi li tigi applikata l-paga minima. Din il-Qorti assolutament ma taqbilx ma' dak espost mill-konvenut. Il-Qorti ma fehmitx x'argument hu tal-konvenut li meta hija ghandha prova tal-paga gross tal-attur fis-sena 2012 li tammonta ghal €8734.18 (fol. 96) skont il-konvenut ghandha tiehu bhala bazi l-paga minima, argument bla bazi u llogiku ghall-ahhar.

Jirrizulta wkoll li dak in-nhar tal-incident l-attur kellu l-eta' ta' 21 sena. Kif sewwa jinghad fil-gurisprudenza kkwotata mill-attur fis-sottomissjonijiet tieghu din il-Qorti ghandha diskrezzjoni wiesgha fil-kalkolu tad-danni sofferti mill-attur u dan sabiex kemm jista' jkun possibbli huwa jigi kumpensat ta' dak kollu li attwalment huwa tilef u ser ikompli jitlef konsegwenza tal-incident. Il-hajja lavorattiva prospettiva tal-attur sad-data tal-pensjoni li llum il-gurnata hija dik sa l-eta' ta' 65 hija dik ta' 44 sena. Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn m' ghandhiex talloka danni kkalkolati fuq prospettiva ta' hajja lavorattiva ta' 44 sena sabiex tqarreb kemm jista' jkun ghad-danni reali. Din il-Qorti wkoll ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn hija ghandha tapplika hajja lavorattiva ta' 30 sena kif issuggerit mill-konvenut stante li dan ikun ifisser li kieku taghmel hekk li l-attur ikun qed jigi trattat daqs persuna ohra li jkollha 35 meta jsehh l-incident meta l-fatti huma ferm diversi minn hekk!

Dwar il-persentagg ta' dizabilita' din il-Qorti la darba ghandha persentagg moghti mill-espert mediku mqabbad minnha stess ma tqisx li ghandha diskrezzjoni jew ragunijiet validi sabiex tvarja tali persentagg u ghaldaqstant ser tapplika l-persentagg ta' 15% dikjarat minn Mr. Joseph Briffa (fol. 51).

Ghal dak li huwa gholi tal-hajja din il-Qorti tqis li l-applikazzjoni ta' persentagg ta' 12 % jkun wiehed gust filwaqt li tqis il-persentagg ta' 20% indikat mill-attur bhala wiehed esagerat. Fir-rigward tal-'lump sum payment' din il-Qorti wara li rat id-diversi ittri nterpellatorji notifikati lill-konvenut u l-assigurazzjonijiet tieghu sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u l-hlas ta' danni sofferti esebiti fl-atti ghal-liema interpelazzjonijiet il-konvenut baqa' inadempjenti u stante l-fatt li ghaddew erba' snin mid-data tal-incident tqis li ghandu jitnaqqas biss persentagg ta' 12% bit –tnaqqis ta' 2% mill-20% li normalment jitnaqqsu ghal kull sena li ddekorriet mill-incident sad-data ta' din id-decizjoni.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost din il-Qorti tasal ghall-kalkolu ta' *Lucrum Cessans* kif isegwi:

€8734.18 (paga gross) x 15 % (% disabilita) x 44 (snin lavorattivi) + 12% (gholi tal-hajja) - 12% (lump sum) = €57,645.59.

Total ta' danni dovuti lir-rikorrenti allura jammontaw ghal €700 *damnum emergens* u €57,645.59 *lucrum cessans* li flimkien jaghmlu s-somma ta' tmienja u hamsin elf, tliet mija u hamsa u erbghin Euro u disgha u hamsin centezmu (€58,345.59).

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonjiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-incident awtomobilistiku li sehh bejn il-partijiet oggett ta' dan ir-rikors guramentat gara unikament tort u htija tal-konvenut u dana kagun ta' sewqan negligenti, traskurat, b'imperizja u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;

2. Tilqa' t-tieni talba tal-attur u tillikwida d-danni kollha konsegwentement sofferti mill-attur konsegwenza tal-incident ghas-somma ta' tmienja u hamsin elf, tliet mija u hamsa u erbghin Euro u disgha u hamsin centezmu (€58,345.59).

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur id-danni kollha hekk likwidati fl-ammont globali ta' tmienja u hamsin elf, tliet mija u hamsa u erbghin Euro u disgha u hamsin centezmu (€58,345.59).

Bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-konvenut.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur